# dawl frangiskan

LEĦEN IL-KAPPUĊĊINI MALTIN

41
NOVEMBRU
1984



F'DIN IL-HARGA.

Editorjal:
AĦNA U L-MEJTIN TAGĦNA

IL-MEWT U L-IMMORTALITA'

LIS-SEKULARI FRANĠISKANI

HABARI GANI?
THE FIRST BISHOP FOR THE LATEST DIOCESE

Qaddisin Kapuċċini
BERNARD MINN OFFIDA

PATRI PIJU U S-"SALVIFICI DOLORIS"

Folklore:
IL-MINESTRA TAL-KAPUĊĊINI

MIN HU ĠESU'?
**JIENA (ĠESU' N-NAZZARENU)** **Ġn 18: 5**

Meta l-ġemgħa u s-suldati, mibgħutin mill-qassisin il-kbar u mix-xjuħ tal-Lhud, għall-mistoqsija tiegħu, qalulu li kienu qed ifittxu lil Ġesu' n-Nażżarenu, KRISTU wieġibhom: "Jiena". Qalilhom li kien hu Ġesu' n-Nażżarenu. Marru jfittxuh għax ma kinux jafu min hu (għalkemm kienu jafu sew li kienu ser isibuh, minħabba li Ġuda kien qalilhom li kellu jbusu ħalli jurihom min hu). U KRISTU kien għaraf li dak il-ħin kienet waslet issiegħa tiegħu, għalhekk, ma qagħadx jaħbi jew idur mal-lewża: qalilhom bid-dieher: "Jiena". Iżda fl-għama ta' moħħhom, minħabba n-nuqqas ta' twemmin li kellhom fi KRISTU, ma kinux qed ifittxuh bħala Alla, iżda biss bħala bniedem: bħala wieħed minn Nażaret: bħala n-Nażżarenu. U KRISTU, filli jurihom li kien bniedem minn Nażaret, ma mirihomx, iżda, bil-qawwa li ħarġet minnu, li sabbtithom lura ma' l-art, uriehom ukoll li hu Alla. Madankollu baqgħu ma fehmux li hu Alla, lanqas wara li rawh iwaħħal widint wieħed minnhom; u KRISTU baqa' jurihom lilu nnifsu bħala n-Nażżarenu: bħala bniedem: ħallihom jorbtuh, jimbuttawh, isawtuh, jobżqulu, igħajruh, jitmejlu bih u jsallbuh. U b'hekk, KRISTU bata u miet bħala bniedem, għax bħala Alla, la sata' jbati u lanqas imut. Biex ibati għalina, KRISTU ried isir bniedem.

KRISTU kien bniedem: bniedem bħali: bħali f'kollox: f'kollox barra fid-dnub. Minbarra d-dnub u l-ġibda għall-ħażen. KRISTU kellu kollox kulma għandi jien: it-tjubijiet, li fija qegħdin biss safejn nista' nasal ,id-dgħufijiet tal-ġisem u talmoħħ: l-għajja, il-ġuħ, l-għatx, in-niket, u kull ħaġa oħra li għandi u li nħoss jien. Meta kien ferħan, faħħar lil Missieru; meta kien moħħu f'tiegħu, warrab jitlob; meta siebhom ikasbru l-Maqdes, qabad jagħti bil-ħabel; meta kien imxabba' bilħżunija tal-Fariżej, qabad iċanfarhom kemm felaħ; meta qalbu kienet imnikkta għall-mewt, qabad iserraħha ma' Pietru u ma' l-aħwa Ġakbu u Ġanni ;meta kien qed jibża' mit-tbatija u mill-mewt, qabad jitlob lil Missieru ħalli jbiegħed minnu dak li kien ġej fuqu. B'dan kollu, KRISTU wrieni li kien bniedem bħali: fi ġrajjiet bħal dawn, jiena wkoll inġib ruħi bħalma ġieb ruħu fihom hu. Meta nkun f'sikti, it-talb narah sabiħ, u nitlob; meta nkun ferħan, nithenna, u hekk, infaħħar 'l Alla; meta xiħadd ma jaqbelx miegħi, itallagħhomli; meta xiħadd jagħmel il-ħażin, inċanfru jew inwissih; meta nkun imdejjqa, inniżżel il-geddum u nfittex ma' min niftaħ qalbi; meta jiġini xi salib, nibża nitfgħu fuqi. U KRISTU hekk għamel, għax kien bniedem bħali, u l-bniedem hekk magħmul.

Iżda KRISTU ma waqafx hawn: baqa' dieħel iktar 'il ġewwa fil-qdusija: għalkemm kien iħoss u jbati għax kien bniedem, fittex li jagħmel biss ir-rieda ta' Missieru, għax hu qaddis. KRISTU għamel hekk, ħalli jien nagħmel bħalu. KRISTU kien bniedem; jiena bniedem ukoll: la KRISTU, bniedem bħali, għamel hekk, jien bniedem bħalu, nista' nagħmel dak li għamel hu: għax qalli nagħmel bħalma għamel hu, għal dawk il-ħwejjeġ li hu għamel bħala bniedem: li jien nista' nagħmilhom ukoll: ma qallix nagħmel l-egħġubijiet, għax dawk hu għamilhom bħala Alla. Iżda qalli nħobb, naħfer u nagħder, qalli ngħin, qalli nkun siedaq, qalli naqbad salibi ta' kull jum u nimxi warajh, għax dan kollu hu għamlu bħala bniedem, ħalli jien nagħmel bħalu, u għax jaf li, għalkemm b'dasxejn ta' tbatija, dan kollu, jien, nista' nagħmlu bl-għajnuna tiegħu, li qatt ma tonqosni.

Wara li nħares lejn KRISTU bħala Alla, biex nitqaddes, jeħtieġ li nħares lejh bħala bniedem: bħala bin Marija, bħala bin il-mastrudaxxa, għax hekk, nifhmu iktar, nagħrfu iktar u nitqaddes iktar; għax hu sar bniedem biex jilħaqni ħalli jien inkun nista' nilħaq lilu.

**Lawrenz Briffa, kapuċċin**

Editur
Responsabbli:
**fr. Philip Cutajar**
**Kunvent tal-Kapuċċini**
**Kalkara**
**Malta**

**Tel: 825724**

**Għajnuna f'Offerti:**

★ Abbonament Regulari
Lm2.00c

★ Abbonament Sostenitur
Lm3.00c

Stamperija:
**CharVin Press & Co. Ltd.**
**Factory 191,**
**Industrial Estate,**
**Luqa.**
**Tel: 784381/2.**

# DAWL FRANGISKAN

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

**IR-RABA' SENA — NOVEMBRU 1984 — NRU. 41**

# Aħna u l-Mejtin Tagħna

**Matul ix-xahar ta' Novembru lkoll kemm aħna niftakru b'mod speċjali fil-mejtin tagħna. Niftakru fil-mejtin kollha, iżda ħsieb speċjali jiġina għal dawk li huma l-aktar għeżież għalina: ġenituri, ħutna, qrabatna u ħbieb intimi tagħna. It-tifkira tagħna f'dawk li ħallewna nesprimuha b'diversi modi. nitolbu għalihom, noffru quddies b'suffraġju għalihom, inżuru u nżejnu l-oqbra tagħhom u saħansitra fiċ-ċimiterji fejn huma midfunin inpoġġu r-ritratti tagħhom biex infakkru w inħajjru lil ħafna oħrajn biex magħna jitolbu għalihom.**

**IL-KULT TAL-MEJTIN**

Il-kult nisrani lejn il-mejtin, b'differenza minn kull reliġjon u poplu ieħor, iġedded it-tama u l-fidi tagħna fi KRISTU RXOXT. Il-kult tal-mejtin isir għalina l-insara l-kult tal-Misteru tal-Għid ta' Kristu li qam rebbieħ fuq il-mewt. kif emmnu li għad jagħmlu l-mejtin ħutna li fi Kristu ħallew dan id-dinja.

Ir-ritwal tal-funerali jagħmel ċar dan il-ħsieb: **"Il-liturġija nisranija tal-funerali hija ċelebrazzjoni tal-misteru tal-Għid tal-Mulej Ġesu' Kristu". Hija wkoll offerta ġeneruża li tingħata lill-mejjet u mument ta' "faraġ u tama għal dawk kollha li qed jibku t-telfa tiegħu".**

**NIPPREPARAW LILNA NFUSNA**

Kull nisrani huwa fid-dmir li jorjenta l-ħajja tiegħu għall-mument **"tal-mewt"** u jipprepara bis-serjeta' kollha għaliha. Ma rridux inħallu għall-aħħar. Nippreparaw minn issa billi nwarrbu dak kollu li jġib "il-mewt tar-ruħ qabel dik tal-ġisem" — nibżgħu aktar mill-mewt li jġib id-dnub milli mill-mewt li jġib il-mard jew iż-żmien.

Għan-nisrani li lgħix ifisser tiġġedded fi Kristu u għalhekk il-mewt issir **"qawmien"** li jwassalna għal ħajja ġdida. Il-mewt għan-nisrani hija l-passaġġ tal-Għid li jibda bil-magħmudija u jiżvolġi fl-impenn ta' kuljum għax kuljum irridu mmutu għad-dnub. Għalhekk li tipprepara għall-mewt ifisser li lil ħajtek tagħtiha sens li m'għandux x'jaqsam max-xejra ta' din id-dinja imma ma' dik ta' Ġesu' Kristu.

**NIPPREPARAW LILL-OĦRAJN**

**Irridu wkoll b'impenn nisrani nersqu lejn il-moribondi u bil-presenza tagħna nassistuhom. Jinħtieġ li nersqu lejn il-moribondi bl-akbar equilibriju u maturita' nisranija. Jekk dawn ikunu neqsin fina nagħmlu aktar ħsara milli ġid. Il-moribond jista' xorta waħda jħossu waħdu anke meta mdawwar mill-familjari tiegħu jekk dawn ma jkunux kapaċi jikkontrollaw l-ansjeta' tagħhom u jħarsu lejn il-mewt viċin b'mod realistiku.**

Li tersaq lejn bniedem marid gravi li qiegħed fuq il-għatba tal-mewt huwa sens ta' solidarjeta' umana u nisranija. Ikun sens ta' mħabba nisranija meta inti b'mod l-aktar prudenti imma fl-istess waqt b'kuraġġ kbir tippreparah għall-aħħar sagramenti billi tressaqlu s-saċerdot. Dan jenħtieġ li nagħmluh malajr kemm jista' jkun — ma nħallux għall-aħħar — huwa l-akbar att ta' mħabba nisranija li nistgħu nagħmlu mal-moribond. Niftakru li s-sagrament tal-morda (id-dilka ta' l-aħħar) mhux qiegħed għal dawk li diġa tilfu sensihom.

**NITOLBU GĦALIHOM**

Att ta' solidarjeta' nisranija mal-moribond nesprimuh ukoll permezz tat-talb kontinwu tagħna għalih. Nitolbu lill-Ispirtu Qaddis biex lill-moribond jagħtih il-qawwa fil-kalma w is-serenita' biex bl-akbar ferħ nisrani jilqa' dan l-aħħar don — id-don tal-mewt — li permezz tagħha jingħaqad għal dejjem mal-Ħallieq. Nibqgħu nitolbu wkoll wara — nitolbu għall-mejtin tagħna. Huwa att ta' fidi fil-ħajja ta' dejjem u fl-istess waqt att ta' rispett lejn ħutna mejtin li nibqgħu niftakru fihom billi nitolbu għalihom b'mod speċjali permezz tal-Quddies (l-akbar talba b'merti infiniti) li noffru b'suffraġju għal ruħhom.

Dan huwa x-xahar li laqqagħna ma' l-akbar realta tal-ħajja ta' kull bniedem. Hija realta' li jekk tiġi mneżżgħa mill-qawwa tal-fidi fi Kristu Rxoxt issir realta' tal-biżgħa u twerwir. Imma mqawwijin bil-fidi tagħna fil-Mulej: Sid il-Ħajjin u l-Mejtin, issir realta' ta' Qawmien għal Ħajja Aħjar. Niftakru fil-mejtin tagħna — dawk li darba kienu bħalna: dgħajfin fost id-dgħajfin, midimbin fost il-midimbin — u niftakru li aħna lkoll xi darba żgur insiru bħalhom — għalhekk naħżnu minn issa teżori għall-Ħajja ta' dejjem.

Il-Mulej Jagħtikom Is-Sliem.

L-Editur

# IL-MEWT U L-IMMORTALITA'

Marġin Mamo, kapuċċin

**Bħalma t-twelid huwa xi ħaġa ntegrali fil-ħajja, hekk hija l-mewt. Iżda t-twelid iġib ferħ u l-mewt iġġib in-niket. Illum is-soċjeta' qiegħda tipprova tinsa li xi darba kull individwu li jeżisti jrid imut. Nistgħu ntawlu l-ħajja permezz tal-mediċina li qed jivvintaw kuljum, iżda qatt il-bniedem ma jista' jeqred il-mewt. Aħna bħal kull annimal mhux razzjonali aħna destinati biex immutu. Il-mewt ma tagħtix każ jekk m'intix żgħir jew kbir, famuż jew le, jekk intix ħanin u qalbek tajba jew kattiv u żorr. Il-mewt m'għandhiex rispetti lejn ħadd.**

Iżda hawn min jaf jieħu l-mewt bħala xi ħaġa ntegrali mal-ħajja. Għalfejn għal oħrajn il-mewt hija xi ħaġa tqila biex jaċċettawha? Ir-risposta hija din: "Hija diffiċli għal ħafna l-mewt biex jaċċettawha għax hija xi ħaġa mhux familjari għalihom. Għalkemm dejjem nisimgħu fuqha iżda qatt jew ftit rajniha. Meta tmut xi persuna l-isptar, din il-persuna mal-ewwel inwarrbuha mis-sala tal-morda. Ta' kuljum l-omm tindokra l-binha li ma jmurx iweġġa' jew jieħu xi riħ. Naħseb ikun aħjar għal dik l-omm li minbarra li tgħin lil binha biex jeħles minn kull periklu, tgħinu wkoll biex jifhem li kulħadd irid imut; u dan l-omm għandha tagħmlu mingħajr ma tbeżża' u twerwer. Anke meta jmut xi ħadd, naħseb li aħjar it-tfal jidraw jaraw il-mejtin biex ma jikbrux jibżgħu mill-mewt ... dan dejjem għandu jsir b'tagħlim sod u ċar dwar il-mewt fil-ħajja tal-bniedem ...hija ferm meħtieġa l-edukazzjoni għall-mewt.

M'inhix ngħid li meta wieħed jidra jaċċetta l-mewt mhux se jħoss il-biża' u d-dwejjaq li ġġib magħha, għax meta wieħed imut ifisser li ħalla ħajtu u dak kollu li kienet tiġbor fiha ... inqata' għal kollox minn dak li darba kellu ... tilef kollox. Imma jekk nitgħallmu nistennew il-mewt bħala xi ħabiba u mhux bħala xi barranija, żgur li l-ħajja tagħna tieħu xejra ferm aħjar. Hekk qalet l-awtriċi tal-ktieb **"Death"** ta' Elisabeth Kiebler-Ross fuq meta naċċettaw il-mewt mill-qalb: **"then we can also learn to live our lives with meaning, with full appreciation of our finetiness, of the limits on our time here".**

**IL-MEWT: IL-PUNT TAL-MATURITA'**

**Kull m'għamilt u kull ma tagħmel issib il-milja tiegħu fil-mewt. Jekk għandek ix-xorti qabel ma tmut issib ftit żmien taħseb li se tmut, dan il-mument huwa għalik ċans kbir ta' maturita'. Ikollok l-aħħar ċans issir veru dak li int. Ikollox iċ-ċans issir iżjed uman. Iżda m'għandikx toqgħod tistenna sakemm il-mewt tkun waslet qrib biex tagħmel dan. Għalhekk jekk nitgħallmu nieħdu l-mewt jew nittrattaw il-mewt bħala oħtna, kif kien isejjħilha Missierna San Franġisk, nitgħallmu ngħixu aħjar il-ħajja, u kull persuna taġixxi kif suppost taġixxi ... kulħadd jitgħallem jaċċetta lilu nnifsu kif inhu.**

Jekk tmutx żgħir jew jekk tmutx kbir ftit jimporta. L-importanti hu li int għext is-snin li kellek, kellek kemm kellek. L-importanti hu li wieħed igħix kull ġurnata qisa dik hija l-ewwel u l-aħħar ġurnata ta' ħajtu. L-importanti hu li ssib paċi u saħħa biex tikkumbatti d-diżappunti li tiltaqa' magħhom fil-ħajja. Kemm hi sabiħa li tinnota l-ħajja ġdida tar-Rebbiegħa; kemm hu sabiħ tlugħ ix-xemx fil-għodu u nżulha fil-għaxija. Kemm hi sabiħa tbissima minn persuna oħra. Kemm hi sabiħa li tosserva tarbija tikber.

Dan kollu jippreparana għall-mewt. Għax dawk li ma jgħixux il-ħajja kif suppost ... dawk li dejjem jippretendu iżjed milli għandhom ... dawk li ma jafux iħobbu ... kif jifirħu ma' l-oħrajn ... dawk li ma jafux jiskopru s-sabiħ tal-ħajja fis-sempliċita'... dawn huma dawk li jibżgħu mill-mewt. Iżda qatt m'hu tard wisq biex wieħed jibda jgħix u jikber ... aktar milli jeżisti u jixjieħ.

Il-protagonista ta' l-opra letterarja ta' Charles Dickens: 'Scrooge' — huwa mera ċara ta' dak li qed ingħid. Dan il-persunaġġ għex ħafna snin jittraskura ħajtu. Ma nteressahx li jagħti sens u skop lil ħajtu, allura ma kellux imħabba. Iżda ġie żmien meta rrealizza x'inhu l-aħjar. Li tikber huwa li tgħix u l-mewt hija l-aħħar pass ta' din il-ħajja li tkun għext. Importanti li nħallu l-mewt tissieħeb magħna għax din hija l-qofol ta' ħajjitna.

**Aħseb fuq il-mewt. Kemm ħlejt ħin u enerġija taħseb fuq dak li tħoss, dak li temmen, dak li tittama u tibża fuq l-aħħar mument ta' ħajtek? Kieku jgħidulek li se tmut issa, kont tbiddel xi ħaġa minn ħajtek? Hemm xi affarijiet li tħoss li għandek tagħ-**



**milhom qabel ma tmut? Meta jkun qed imut xi ħadd għaż-ż għalik kif tkellmu? Għalhekk jaqbel li tagħmel dawn l-affarijiet illum, għax meta jasal il-waqt, iż-żmien ikun qasir wisq.**

**ĦSIBIJIET** ......

- **Li tinsa li hemm il-mewt ifisser li tinsa li hemm il-ħajja.**
- **Il-mewt hi meqjusa bħala opportunita' li tagħti lok għall-ewwel opportunita' persunali.**
- **L-ebda bniedem m'għandu esperjenza diretta tal-mewt. Ħadd għadu ma ra l-mewt vera tiegħu.**
- **Kull wieħed minna jrid jew għandu jaċċetta l-mewt waħdu, u kull wieħed jiltaqa' mal-mewt darba biss.**

**IL-MUMENT TAL-MEWT**

Meta wieħed jieħu deċiżjoni dan jieħu ż-żmien. Iżda bejn qabel u wara l-mewt m'hemmx ħin. Hemm spazju bla ħin. Irridu nifhmu li l-mewt hija trasformazzjoni tal-ħajja tagħna, bla ħin. Mela l-mewt hija trasformazzjoni tal-ħajja tagħna, bla ħin. Mela l-mewt hija l-punt bejn żewġ mumenti, bla ebda ħin ta' xejn. Ladislaw Boros hekk igħid fuq il-mewt: "The mument of the soul's 'separating' and 'being separated' thus coincide. The moment of death when looked at from the subsequent condition is the last moment of the preceding condition, when viewed from the preceding condition the first moment of the succeeding condition". Hawn il-bniedem jieħu deċiżjoni. Fil-mewt l-ispirtu jibqa' għaddej iżda l-ġisem jieqaf. F'dan il-ħin il-bniedem jagħraf lilu nnifsu.

**ASPETT FILOSOFIKU**

Heidegger igħid li l-bniedem irid ikun konxju li hu finit u jrid imut. Jekk ma jagħmilx dan se jgħix ħajja superfiċjali mingħajr impenn biex igħix ħajja aħjar. Dan qalu wkoll il-filosofu Gabriel Marcel. Għal kuntrarju, Spinosa jgħid li l-mewt hija l-inqas ħaġa li għandna naħsbu fuqha. Il-mewt se tolqot lil kulħadd personalment għalhekk jekk tiffissa fuqha tista' tiddispra.

**ASPETT RELIĠJUŻ**

Jekk nirriflettu ftit il-ktieb. **'The Confessions of St. Augustine"** naraw ċar x'inhi l-mewt. Santu Wistin kellu ħabib ferm għal qalbu iżda wara marda serja li ġiet fuqu dan sieħbu miet. Lil Santu Wistin din il-mewt ġabitlu ħafna solitudni u vojt f'ħajtu. Iżda l-qaddis igħid li maż-żmien stabar u beda jirrifletti fuq dak id-dwejjaq li kellu. Miskin hu dak il-bniedem li jorbot qalbu mal-ħwejjeġ tad-dinja. Fil-ktieb hekk hemm miktub li qal Santu Wistin: "That wretched life I held dearer than my friend". Huwa beda jirrifletti li għalkemm għadda mid-dwejjeq, aħjar li tgħix milli tmut. Induna li beda jpoġġi nofs ruħu f'sieħbu, allura meta miet sieħbu, tilef ukoll nofs ruħu. Ta' dan talab skuża lilu nnifsu u qal "I felt that my soul and his soul were one soul in two bodies and therefore was my life a horror to me, because I would not live halved".

Santu Wistin għajjar lilu nnifsu ta' dan iż-żmien ta' niket li kellu meta ma sab serħan imkien ħlief fil-biki u d-dwejjaq. Hekk nagħmlu aħna meta nitilfu lil xi ħadd għażiż għalina. Inkunu qed inwarrbu nofs ħajjitna u npoġġuha f'dak li jkun miet. B'hekk inkunu qed nieħdu pjaċir li nkunu qed ninfnew. Fil-fatt, persuna li ma tridx tikkonsla tippossessa ruħha bin-niket tagħha. Dan jirriżulta li tiffissa fuq il-memorji tal-persuna mejta.

## IS-SBUĦIJA TAL-ĦAJJA

Hija ħaġa ta' ferħ jew ta' dwejjaq li tgħix il-ħajja? Il-ħajja skond Fulton J. Sheen, hija dwejjaq jekk ma nagħtuhiex skop. Ir-rutina tal-ħajja tista' ddejjaq lil dak il-bniedem li ma jafx igħix il-ħajja.

Meta l-bniedem ma jafx fejn hu sejjer, ħajtu ssir mimlija frustrazzjonijiet u dwejjaq. Meta l-bniedem m'għandux skop, jibda jbiddel l-idejal tiegħu u biex jgħatti dan l-żball isejjaħlu progress. Jekk il-bniedem m'għandux punt għalfejn jammira qed jaħli ħajtu, dan ma jistax igħid li qed jagħmel progress.

Nimmaġinaw skultur qiegħed jiskolpi xi ħaġa, u jiġi mistoqsi x'inhu jagħmel u dan igħid: "Ma nafx, għadni lanqas għamilt pjan." Hekk ikun qed jagħmel dak il-bniedem bla skop. Meta l-ħajja m'għandhiex skop hija ssir mimlija medjokrita' u niket. Issir pessimiżmu waħidha. Nieqsa mis-saħħa u l-paċi. Stephen Vincent Bevet hekk igħid: **"Life is not lost by dying: Life is lost minute by minute, day by dragging day, in all the thousand small uncaring ways".**

Mhux il-ħajja timla' l-bniedem bil-frustrazzjonijiet iżda l-bniedem jimla' l-ħajja bil-frustrazzjonijiet. Hawn min igħid li mdejjaq għax mhux maħbub: imma l-verita' hi li huwa mdejjaq għax mhux qed iħobb.

Fl-Ingliż hemm proverbju: **"You need nine months to make a man, and only a day ta' kill him".** Iżda jekk noqogħdu nirriflettu naraw li biex issir bniedem mhux biżżejjed disa' xhur kif igħid dan il-proverbju iżda trid għomor sħiħ. Meta mbagħad il-bniedem ikun lest, jiġifieri ma baqagħlu xejn x'jagħmel iżjed, imbagħad imut. Pero' sakemm għadu ħaj il-bniedem għadu mhux lest, dejjem jista' jagħmel xi ħaġa fid-dinja biex **isir bniedem.** Fil-mewt imbagħad il-bniedem jilħaq il-milja ta' ħajtu. Hija esperjenza kif igħid Robert Nowell fil-ktieb ktieb tiegħu **"What a modern Catholic believes about death"**, li l-mewt mhix xi ħaġa li nistgħu naqsmuha bejnietna. Għalkemm aħna maħluqin biex ngħixu flimkien bħalma jgħid Aristotle **"man is by nature a social animal"**, iżda l-mewt żgur li ma tobdix dan il-prinċipju. Il-mewt hija l-ewwel pass li l-bniedem jagħmel waħdu kompletament, iżda jasal biex jagħmlu tajjeb skond kif ikun ġie pprepat mill-kommunita' f'ħajtu biex imur igħix fil-kommunita' l-oħra fis-sema.

## HSIBIJIET FUQ IL-MEWT

○ O x'rimors għal waqt il-mewt, meta niftakru li bosta avviżi u theddid mibgħutin minn Alla ma tajniex kont tagħhom.

**SALES**

○ Jekk irridu nagħmlu mewta tajba u nsalvaw, hemm bżonn illi f'kull żmien u f'kull post inkunu nistennew il-mewt

**S. BERNARD**

○ O bniedem ma tarax li inti trab u rmied? Il-għaliex tissuppervja?

**EKKLESJASTIKU**

○ Beati huma dawk li meta jiġu biex imutu, ikunu ġa mejtin għal din id-dinja.

**THEJJIJA GĦALL-MEWT**

○ Li l-kuxjenza tiegħek kienet tajba, ma kontx tibża' wisq mill-mewt. U aħjar tibża middnubiet, milli mill-mewt.

○ Jekk m'intix lest għall-mewt illum, kif tista' tkun lest għada? Għada ma tafx x'ikun minnek u mbagħad taf jekk għada jkunx tiegħek?

○ Qatt rajt min imut? Ftakar li int ukoll għad tgħaddih dak il-pass.

○ Ħajtek għandha tkun hekk li waqt mewtek ikollok għax tifraħ milli għax tibża'.

○ Eluf ta' nies imutu zobtu għax BIN IL-BNIEDEM jiġi f'ħin li ma tkunx tobsor bih.

**KEMPIS**

# Il-Bniedem "FRANGISKU"

Għeżież ħuti Franġiskani,

Tifhmuni mill-ewwel li qiegħed nikteb fuq San Franġisk t'Assisi, dak il-qaddis li għandna x-xorti nsejħulu "Missierna". B'hekk hu għalina, Għalliem, bħala franġiskani, kien hu wellidna bħala ulied l-Ordni Serafiku tiegħu.

Iżda llum irridkom tqisu miegħi lill-Missierna Franġisku, bħala **"l-bniedem Franġisku"**. Għaliex? Għaliex aħna lill-qaddisin dejjem nimmaġinawhom bħala "Superman" bħala esseri ta' klassi superjuri għal dik tagħna l-bnedmin; waqt li fir-rejalta' mhumiex hekk.

Fir-realta huma esseri umani bħalna; tnisslu bħalna, tneħħi xi eċċezzjonijiet żgħar, trabbew bħalna, ħafna drabi ħadu l-istess trobbija urrana, umhux dejjem, amenu għall-bidu, saru wisq aħjar minna.

Ma niżbaljawx għalhekk meta ngħidu il-"Bniedem Franġisku" u "ix-xebba Klara".

Fejn spikkaw aktar minna kien fil-mod speċjali li bih u fih ipprattikaw il-virtu' soprannaturali u libbsu għalhekk b'din il-grazzja kull ħidma umana tagħhom.

Nieħdu lil San Franġisk missierna. Kien bniedem bħalna. Kien żagħżugħ allegru u brijjuż bħażżgħażagħ ta' żmienna. Kien ukoll jaf idoqq il-mandolina taħt it-tieqa ta' xi waħda grazzjuża, bħalma kient Klara. Kien bniedem perfett. Wisq iżjed fl-imħabba li kellu lejn l-annimali u l-ħlejjaq kollha. Tant li l-Papa preżenti ddikjarah 'Patrun ta' l-Ekoloġija" tal-ħolqien kollu.

Ukoll fit-testment tiegħu kien bniedem perfett. Ma felahx joqgħod għall-Konċilju Lateranensi IV, li kien ipprojbixxa Ordnijiet Reliġjużi ġodda u waqqaf tlieta għax ħass il-bżonn tagħhom. Ma felaħx joqgħod ma jippriedkax fil-pjazez u fit-toroq u beda jippriedka kullimkien għax ħass tassew il-bżonn tal-Kelma t'Alla. Ma felaħx jara konfużjoni ta' kotba Spiritwali u għażel biss il-Vanġelu. Ħafna kienu dawk li għaddewh bħala miġnun jew inkella bħala rivoluzzjonarju. Iżda l-bniedem Franġisku ma kienx hekk; kien deċiż mill-volonta' t'Alla li ssiġillah bil-pjagi ta' Ibnu u baqa' miexi dritt fir-riformi tiegħu u kull ma hu uman, libbsu bil-grazzja soprannaturali u sar "San Franġisk" b'sottomissjoni sħiħa għall-Papa u għall-Knisja mibnija fuq l-Evanġelju.

Il-Bniedem Franġisku sar "l-iżjed qaddis fost il-qaddisin Taljani." Din hija lezzjoni kbira għalina. Bħal San Franġisk missierna nkunu bnedmin perfetti basta nlibbsu kollox bil-grazzja t'Alla u nkunu skruplużi fl-osservanza ta' l-Evanġelju, kif tispjegahulna Ommna l-Knisja Mqaddsa bil-Maġisteru Divin tagħha.

Insellimilkom bix-xewqa ta' Paċi u Ġid lil Kulħadd.


**Ħukom f'San Franġisk**
**Patri Feliċjan Bilocca**
**Kapuċċin Ass. Prov. O.F.S.**

# Kumment tar-Regula ta' l-Ordni Franġiskan Sekulari

# IL-VALUR TAX-XOGĦOL

**Test:** "Iqisu x-xogħol bħala don u bħala sehem mill-ħolqien" art. 16).

**Riflessjonijiet:—**

1. Id-don huwa rigal sabieħ. Juri l-imħabba ta' min jagħti lejn min jirċievi. Juri f'min jagħti rieda ta' relazzjonijiet tajba ma' min jirċievi. Ix-xogħol għalhekk huwa ħolqa li tgħaqqad lil wieħed ma' l-ieħor.

Dan napplikawh għalina u għal Alla. Id-don li naħdmu tahulna Alla. Meta hu bilfors fih innifsu tajjeb, bħala ġej minn Alla. Dan narah mill-kostituzzjoni li biha ffurmana Alla meta ħalaqna. Ħalaqna ġabra ta' fakultajiet u ta' strumenti. Tana l-intellett, biex infasslu, nippjanaw x'nagħmlu u ma nagħmlux. Tana l-volonta' libera, biex nagħżlu jew naċċettaw dak li nkunu fassalna aħna jew fassal ħaddieħor, iżda li aħna naċċettaw għax irridu aħna.

Imbagħad imlielna ġisimna b'varjeta' ta' strumenti u għodda ta' l-għaġeb: għajnejna, widnejna, ħalqna, riġlejna, organi u membri esterni u interni, li kollha għandhom is-sehem tagħhom fix-xogħol li niddeċiedu li rridu nagħmlu.

2. Minn hawn jiġi d-dritt u d-dmir li naħdmu. La Alla ħalaqna ħaddiema, iridna naħdmu. Ta' infinitament għaref li hu, Alla ma ħalaq u ma tana xejn għal xejn. La tana l-għodda meħtieġ għax-xogħol, iridna naħdmu. Jekk ma naħdmux tort tagħna, inkunu qegħdin immorru kontra r-rieda mqaddsa Tiegħu. Jekk immorru kontra r-rieda Tiegħu billi ma naħdmux, nonqsu u nkunu aħna stess li nipprovokaw il-ġustizzja Tiegħu, biex jikkastigana bħalma jippremjana meta naħdmu.

Minn hawn jiġi d-dritt li ħadd ma jċaħħadna mix-xogħol, ħadd ma jfixkilna fih u li ma nkunux rispettati bħala ħaddiema, ikun x'ikun ix-xogħol tagħna. Għaliex kif jgħallem tajjeb ħafna l-Papa li għandna fl-enċiklika "LABOREM EXERCENS", mhux ix-xogħol jinnobilita' l-bniedem, iżda l-bniedem jinnobilita' x-xogħol: "l-egħmil huwa skond min jagħmlu".

Iżda nistakru li mad-dritt li għandna li ħadd ma jċaħħadna mix-xogħol, għandna wkoll id-dmir li naħdmu: ma nistgħux naħarbu u niskartaw ix-xogħol bla raġunijiet serji. San Pawl jhedded li "min ma jaħdimx, m'għandux dritt jiekol" (2 Tessalonikin, 3, 10).

Naħdmu għalhekk, kif iridna nagħmlu Alla: kulħadd skond il-vokazzjoni tiegħu, biex flimkien nizviluppaw id-dinja skond il-pjan etern t'Alla. San Franġisk ħass li kellu jdaħħal ix-xogħol fir-regula tal-Patrijiet tiegħu u kien ikeċċi lill-għażżenin bħala "dubbien' li jrid igħix minn demm ħaddieħor! Naħdmu.

**Home-Work** — Naraw sewwa x'inhu x-xogħol tagħna u nwetquh tajjeb bħala dmir. Mhemmx eta' u skużi oħra "Sakemm għandna ż-żmien, naħdmu". Dan hu t-tagħlim ta' San Pawl, li tiegħu l-ikbar eżempju kien Ġesu' Kristu, IBEN IL-MASTRUDAXXA TA' NAZARET.




# Habari gani?

# THE FIRST BISHOP FOR THE LATEST DIOCESE

It all began to relieve the burden of work of two Dioceses: Meru and Mombasa. It sprang from vast desolate land, thinly populated. It was shrugged. It was reviled. It was a remnant of a vast country fastly developing.

Today it seems to have reached its peak. Many missionaries boast that at some time or other they have "visited" Garissa.

Dramatic dovelopmonts in somi-dosort land at tracted tho attention of civil and occlesiastical authorities. Where before there was only acacia shrub land, today you see whole towns abuilding. Many new people settled and cultivated the land. Just one example is Bura, where a million people are expected to settle.

Despite the wide diversity of people in the area, Catholicism seems to unite one and all. Christ, centre of unity, attracts people by their thousand. Sunday services attract full church congregations

Exactly ten years after the first Capuchins, under the leadership of Fr. Leo White arrived in the North Eastern Province, Church Authorities saw that Garissa Mission is mature enough to be declared a Diocese.

**THE DECLARATION**

When the first hints of declaration of Diocese reached us, many reacted with trepidation. Are we really prepared? Can we cope? Despite visible achievements, some had reservations about how well we can work in such a status. But most took the challenge seriously, as when first we were offered the mission. What ultimately sustains all forms of our activity is a complete trust in God with the inherent appeal of the franciscan ideology of making man aware of his responsibilities, and

elevated to his human dignity. We are people's priests. We are conscious of it and most important (or relevant?) considered as such.

The reality that after years of christian testimony, there are still so many injustices around us and so much more work to be done can probably be paraphrased from Chesterton to the effect that Christianity has not failed but it has not been tried by the multitudes. Recognition of the factual needs and responsibilities will continue to spur us to strive harder to witness Christian love.

## IMPORTANT DATES

— Letter of nomination and declaration of Garissa Diocese is dated 3rd February 1984.
— Public Promulgation was on 24th March.
— Consegration of Mgr Paul Darmanin as Bishop on 3rd June in Malta.
— Installation in Garissa on 26th August.

## SPIRITUAL PREPARATION FOR THE CEREMONY

We knew it would happen. And it happened! Astonishing how people were caught in the enthusiasm despite the diversity of tribes, tongues and origins. The hearts of many really leapt with joy. A sense of pride could be felt. People in their simplicity offered advice and help.

First prayers were asked. Garissa Parish, centre of the new Diocese organised prayer vigils. In June the Secular Franciscan Order was established to foster the franciscan spirit. Our Franciscan Aspirants had several day long adorations before the Blessed Sacrament. The Sisters of St. Joseph of Tarbes organised a night vigil. Wajir Centre for the Handicapped had several special nights of prayer. Other mission stations organised Hours of Adoration. This was all in response to the circular letter issued by the Pro-Vicar, Fr. Crispin Tabone.

## MATERIAL PREPARATION

Meetings were held to organise the installation ceremony. Fr. Crispin was the overall co-ordinator. Fr. Maurice Cassar was in charge of Material preparation; Fr. Pelagio Bilocca of Liturgical arrangements. Invitations were sent to many prominent people and friends of the mission.

## THE STAGE IS SET

The Choirs of Garisse and Modogo joined forces and begun rehearsals for the solemn occasion.

The Maltese lay missionaries and Sisters came in advance to help in the myriads of chores to be done.

The Indian Sisters were also in full force and were literally overworking themselves to cope with all the eventualities or situations. As these Sisters are nearest to the bust station, everyone who came to Garissa first called at their house, then directed these to the various accommodations, as their house was more than overcrowded.

The two British lay volunteers from VMM worked day and night to keep things moving. They finished just on time to have everything set.

Seeing so much activity, local civil authorities could not help but be caught in the atmosfere and come forward with offers of help.

The Sunday before the actual installation a general meeting was called; many who frequent the church on rare occasions were present. Even the highest authorities did not mind to mingle with the wananchi and compete with them in generosity. The chief of Police offered a house for accommodating Bishops, though later it was agreed to be used by Sisters. Afterwards the comment was that it was like a five star hotel. A nurses house was offered in the hospital compound, and occupied by the African Sisters. Mr. Barnabas Susa, chairman of the Parish Council, was a source of inspiration for help and organisation. Women came with the offer to prepare the meal for after the mass; and what a meal it was, as each and everyone who attended the mass was expected to stay for food.

Two huge tents were erected inside the church compound. One was to shelter the VIPs during welcoming ceremonies, the other for any emergency.

## THE EVE

The Cardinal of Nairobi, Maurice Otunga, arrived by plane the evening of the 25th, accompanied by a representative of the Bishop of Mombasa. He was welcomed at the airstrip by the new Bishop, Mgr. Paul Darmanin, local authorities and others. Three land rovers of the P.C. were at the disposal of the organising committee. A special escort of police occupied one; Mass Media an-

other. Priests, Sisters and lay missionaries crammed whatever vehicle was available. The drive from the airport was a noisy one as car horns and a siren clanged continuously. In the meantime parish representatives from other mission stations began arriving. They were accommodated in the dormitories of two government secondary schools.

## THE BIG DAY

And the expected day arrived. People began to pack the Church from seven o'clock in the morning, although the ceremony itself was not expected to start before ten o'clock.

The Papa Pro-Nuncio arrived by plane early morning accompanied by the Bishop of Lodwar, Mgr John Mahon and some other representatives of Bishops; another small plane brought other members of religious Orders.

It happened that other important meetings were being held, some in Garissa itself and thus it added to the mixture. Some were unavoidably absent but were represented by their deputies, like the P.C.; the Chief of Police etc.

The ceremony proper began at ten o'clock. A roll of drums followed by a big acclamation by the people marked the opening. Six little girls, dressed in white, danced their way to the main door to welcome the new Bishop, showering flower petals on all present. In the meantime the Cardinal, who was the main celebrant was proceeding together with the other concelebrants from another direction to the main door. The new Bishop, Mgr. Paul Darmanin was surrounded by the six little cherubs and accompanied to the main altar. All the church was singing and clapping to an appropriate hymn: "All ye peoples rejoice and clapp;"

## THE MASS

Religious Orders sent many representatives to participate in the concelebration. Prominent were the Consolata Frs, the Jesuits, Holy Ghost Frs, Kiltegan; Marynokk. All the Capuchins, at present in Kenya were present. The Capuchin Aspirants were doing the altar services. Our separated Christian brothers sent a sizeable representation with their respective Pastors, who from weeks ahead were somehow looking forward to it.

The mass was of the Holy Spirit.

The Homily delivered by the Cardinal of Nairobi was full of praise for the Capuchin Missionary work in Garissa. He said that the purpose of to-



**Mgr. Paul/Darmanin together with Cardinal Maurice Ottunga.**

days' meeting is to give Garissa their Bishop. So he introduced Mgr. Paul Darmanin to the people. He mentioned that the Capuchins are from Malta, the island of Saint Paul where faith is strong. Bishop Paul, from the island of St. Paul, coming now to Garissa as an apostle of the Lord.

The prayer of the Faithful was read by representatives from the various tribes in the new diocese.

Then the offerings from the people. Each and everyone presented his own gifts to the main celebrants. One of the first offerings was a live lamb, presented by the Chief of Didab, a village near Garissa. People came forward with all kinds of goods; maize, rice, fruit and vegetables. Women carried their offerings in the traditional way: on their heads in decorative baskets. It was a really colourful and significant offertory, with the choir singing their heart out.

## THE INSTALLATION

When the mass was nearing its normal completion, the "Veni Creator" was sung with all present kneeling. After the hymn was finished the Pro Nuncio gave a few words of encouragement and explanation. He was immediately followed by Fr. Crispin who read the Apostolic Letter of erection of Diocese, in Latin, to be followed immediately by Fr. Pelagio who read the same in Swahili.

The Parish Council of Garissa wanted to give as present the simple cathedra to their new Bishop, and here they were on the altar to present their gift. As soon as this special chair was put in place, Mons. Darmanin was led by the Cardinal and the

Pro Nuncio to take his seat. A big ovation greeted this solemn moment. The Cardinal and the Nuncio presented the new Diocesan Bishop with the Crosier as a sign of his Office and of the duties this Office brings upon him.

While the priests of Garissa Diocese were kneeling to their new Bishop, the faithful proceeded to the throne to congratulate him, and the Cardinal with the other Bishops, was signing the proper documents on the altar; copies of which will be sent to the Holy Father, the Pro-Nuncio, and another copy kept in the archives of this new Diocese.

Many people crowded to come and receive the sign of peace from their bishop but as the crowd was big it had to be limited to a few representatives.

Immediately the installation ceremony was finished, the National Anthem was sung followed by the closing prayers of the Mass. The final benediction was given by the bishops together.

Here everybody sat again to listen to the various speeches given by all the prominent people present. First to speak was the Pro-Nuncio; then the Cardinal followed by the Bishops and the representatives ofthe various religious Orders, male and female. Fr. Francis Baldacchino read the letter of congratulations from the Father Provincial of Malta, and then he himself said a few words as Superior Regular of Garissa Mission. Civil Authorities also had something to say for the occasion.

The final procession from the altar was accompanied by "vigelegale", a big acclamation by the whole congregation especially by women. While the procession was winding its way slowly through the church, the congregation was led by Mr Susa in another sort of local welcome. Saying a few words at a time, the congregation replies with clapping three times and pounding their feet on the ground. This went on till all left the altar.

## REFRESHMENTS AND ENTERTAINMENT

Although everybody was bone tired, (it was late afternon) we proceeded to the new Parish Hall where a meal was served to all the prominent guests. As the hall could not contain all those



present, all the others stayed out to have their meals served there. This was followed by more entertainment from local dancers and also a small local youth group who paraded as a band of soldiers.

As Mgr Darmanin most appropriately said in his final speech, this was a feast day, but the days following will be days of work, hard work.

Quoting St. Augustine he continued: "When I remember that I am your Bishop it frightens me; but when I remember that I am a Christian like you, I rejoice. Being a Bishop is a great call, being Christian is a grace from God. The first is a danger, the second is Salvation. Therefore, I prefer to be redeemed together with you than to be put over you; I shall be your servant as Christ himself commanded us."

Asking for the cooperation of one and all, he gave his Apostolic Blessing.

**Fr. Pelagio Bilocca, O.F.M. Cap.**
**Garissa — Kenya.**
**August, 1984**

## Qaddísín ta' l-Ordní Frangískan Kapuccín




# BERNARD MINN OFFIDA BEATU KAPUCCIN

Gwido Scicluna, kapuċċin

Bernard iben ta' Monica u Ġużeppi Peroni, twieled fis-7 ta' Novembru 1604 fir-raħal ċkejken ta' Villa d'Appiniano qrib il-belt ta' Offida. Fil-magħmudija ġie mogħti lilu l-isem ta'Duminku.

Bilkemm kien għalaq 7 snin meta Duminku beda jagħti sehemu fix-xogħol għall-għejxien tal-familja.

L-għaxqa tiegħu meta kien imissu jieħu l-merħla tan-nagħaġ fil-ħdura tax-xagħri jew fuq l-għoljiet. Hemm fis-skiet tal-kampanja, jiffissa ħarstu fuq l-immaġini tal-Madonna li miegħu flimkien malħobż kien dejjem iġorr u jagħmel talbiet twal.

Meta kiber ftit ieħor beda jaqbad l-imgħażqa u l-moħriet jaħdem l-egħlieqi ta' missieru, filwaqt li jissaħħaħ dejjem fil-virtu'.

Fost il-knejjes li Duminku ffrekwenta, insibu dik tal-kapuċċini fejn kien iġarrab ħafna ferħ jiltaqa' mal-patrijiet, magħhom jitħaddet u jisma' ħerqan dwar il-ħajja ta' talb u ħidma li kienu wettqu. Bil-mod il-mod fil-qalb ta' Duminku bdiet titnissel xewqa biex ikun wieħed minnhom, iżda din ix-xewqa ħalliha moħbija f'qalbu sa ma kellu 22 sena.

Duminku ddeċieda li jingħaqad ma' l-Aħwa Kapuċċini ,talab il-barka ta' ommu u ta' missieru w irħielha lejn il-kunvent. Is-superjur laqgħu bil-ferħ u ma damx biex jibda s-sena tal-prova. Imlibbes iċ-ċoqqa kapuċċina lilu ġie mogħti l-isem ta' FRA BERNARD.

Fra Bernard mill-bidunett tan-novizzjat tiegħu ta prova biżżejjed ta' ħajja qaddisa w eżemplari. Appena temm is-sena tal-prova u wiegħed lil Alla li jħares ir-Regula Serafika ġie destinat biex jitlaq għad-Dar ma' l-Aħwa ta' Permo jaqdi d-dmirijiet skond il-ħtieġa, bħala kok, igħin lill-Aħwa morda, purtinar, ġardinar jew bil-ħorġa fuq spalltu jħabbat bieb bieb jiġbor il-karita għall-għejxien tal-Aħwa. Mistoqsi t-twajjeb Fratell Lajk kif seta' jagħtiha għall-ħajja nterjuri u daqstant qaddisa, fit-talb u l-penitenza, fost tant taħbit u okkupazzjonijiet ordinarji tal-ħajja, wieġeb: **"Il-ħtieġa bla ma taqta' fl-imħabba ta' Alla, għaliex huwa ħalaqna għaliH biex inservuH u nħobbuH".**

Għalhekk it twajjeb Fra tant nota jkun fil-kċina jew fil-ġnien kemm meta jkun fil-knisja, ħsibijietu kienu dejjem merfugħin lejn il-Mulej.

Fra Bernard kien rispettatt mill-Aħwa kollha u t-twissijiet tiegħu dejjem ġew apprezzati u milqugħin bil-qalb. Qatt ma nstemgħet il-vuċi tiegħu jekk mhux għax kien imġiegħel mill-ħtieġa. Is-silenzju għalih kien prezzjuż iżjed mill-ġawhar. Anzi biex iżjed iżomm ruħu ħieles minn kull distrazzjoni, ir-nexxielu jwaqqaf għorfa fil-ġnien tal-kunvent fejn kien igħaddi waqtiet twal mitluf fit-talb bla ma jfit-

tex la ikel lanqas irqad jekk ma jmorrux għalih.

Fil-knisja ħarstu dejjem merfugħa lejn it-tabernaklu jrodd foħrija lil Ġesu' fl-Ewkaristija. L-imħabba kbira li t-twajjeb fratell kellu lejn il-Mulej wasslitu biex iħenn għal kull min kien fil-bżonn.

Huwa għex għall-oħrajn, mehdi jħabrek biex kulħadd igħix fil-grazzja ta' Alla, hekk jum jew ieħor ilkoll jiġu milqugħin fil-ferħ tas-sema.

Fra Bernard magħruf bħala appostlu tal-paċi fi ħdan il-familji, għaqqad mill-ġdid bosta żwiġijiet, wettaq diversi medjazzjonijiet bejn egħdewwa antiki, ressaqhom għal ftehim dejjiemi. Din il-ħidma fejjieda ta' sliem baqa' jwettaqha sa l-aħħar jiem ta' ħajtu.

Minn fuq is-sodda tal-mewt tiegħu Fra Bernard issokkta jwassal il-messaġġ għat-tiġdid tal-ġenituri biex dejjem irabbu l-uliedhom skond it-twemmin nisrani, jħarsu l-kmandamenti ta' Alla u d-dmirijiet ta' l-istat tagħhom. Liż-żgħar kien jisħaq magħhom biex jibqgħu fidili fil-ħarsien tal-virtu' u l-imħabba ta' Alla billi jaħarbu kull tfixkil ta' Satana.

Lill-Aħwa tad-Dar tiegħu jagħmlilhom kuraġġ għall-osservanza eżatta tar-Regula u qatt ma jonqsu jagħtu għajnuna lill-fqar u l-morda. Dawn il-morda u l-fqar li magħhom it-twajjeb Bernard kien jiltaqa' minn kull fejn kien igħaddi, kif ukoll dawk li mill-bogħod jew mill-qrib jiġu jħabbtu l-bieb tal-kunvent, fih dejjem sabu l-faraġ, l-għajnuna, l-ħniena, l-fejqan f'ruħhom u f'ġisimhom qabel ma jmorru lura ferħanin mill-ġdid bil-barka tiegħu. Il-kampiena tal-bieb għalih kienet il-vuċi ta' Alla, il-providenza tas-Sema qatt ma naqset li jibgħat lill-foqra b'idejhom vojta. Għaraf wisq tajjeb Fra Bernard, iħares l-Idejal Serafiku u jqiegħdu fil-prattika tul ħajtu kollha.

Għadda ħajja tassew bieżla fil-qadi tal-proxxmu tant li din il-ħidma qarrbitu dejjem iżjed lejn Alla fl-imħabba.

Fost l-opri tal-ħniena mwettqin minnu, qatt ma naqas li jżur il-kalzrati, jimlihom bil-kuraġġ u jħeġġiġhom għal ħajja aħjar. Il-morda tal-Kunvent tiegħu dejjem sabu fih is-Samaritan tal-Evanġelju, magħhom jaqsam is-sofferenzi, lilhom jimla bit-tama fil-ħniena ta' Alla.

Imqadded biż-żmien u l-qadi ta' dmirijietu, beda jħejji ruħu għall-aħħar vjaġġ biex ifittex jiltaqa' ma' Alla. Marda qasira tefgħetu f'qiegħ ta' sodda sa ma temmitlu ħajtu minn wiċċ l-art. Imsaħħaħ bl-aħħar sagramenti wara li talab il-barka tas-Superjur, mat-tbexbix tal-għodwa tat-22 ta' Awissu 1694, ruħu ttajret lejn il-belt eterna biex igawdi l-Mulej li tant ħabb f'din id-dinja.

It-twajjeb Fra Bernard minn Offida ġie beatifikat mill-Papa Piju VI fil-25 ta' Mejju 1795.

# INSIRU QADDISIN

Nixtieq insir qaddis...
Kif nagħmel...?
Ġesu' kien qal:
Biex nidħlu fis-saltna tas-sema
Hemm bżonn li nsiru bħat-tfal.
Iżda n-nies meta jgħidulek: "int tifel".
Tfisser għadek immatur.
Forsi biex issir qaddis...
Trid tkun immatur...?
LE.
Bosta huma l-qaddisin
li kienu maturi u għorrief.
Mela: 'issiru bħat-tfal' xi tfisser?
Tkun sempliċi, umli u tgħix fl-imħabba
Għaliex Kristu stess qalilna:
It-twettiq tal-liġi qiegħed filli nħarsu
L-AQWA KMANDAMENT:
Ħobb 'l Alla b'qalbek kollha, bil-menti tiegħek
kollha u bil-forzi tiegħek kollha.
Il-tieni jixbħu: 'ħobb lil ħuk bħalek innifsek'.
Mela biex issir qaddis
Xejn m'hemm bżonn
Ħlief:
LI THOBB VERAMENT

**Taddew Schembri, kapuċċin**

# PATRI PIJU TAL-PJAGI U S-"SALVIFICI DOLORIS"

minn Martin Micallef Kapuċċin

Fi Frar ta' din is-sena, l-Papa Ġwanni Pawlu II, ippubblika l-ittra Apostolika tiegħu "Salvifici Doloris" li tittratta fuq it-Tbatija fil-ħajja tal-bniedem. Din l-ittra, l-Papa kitibha wara l-esperjenza tiegħu personali fl-isptar wara li ġie ferut minn xi tiri ta' pistola fi Pjazza San Pietru fil-Vatikan. Din l-ittra Apostolika tfakkarni f'Patri Piju tal-Pjagi li f'Settembru fakkarna s-sittax anniversarju mill-mewt tiegħu. Żgur li t-tbatija fil-ħajja ta' dan is-saċerdot kapuċċin kienet mezz ta' qdusija u għalhekk ma tistax tifred it-tbatija mill-ħajja tiegħu. Hu għaraf ibati għal Kristu u ma' Kristu. Meta jitħaddet mill-aspett tat-tbatija, il-Papa fl-ittra Apostolika tiegħu jistqarr li, "Ir-Redentur sofra mal-bniedem, sofra flok il-bniedem u sofra għall-bniedem. Kull Bniedem huwa msejjaħ biex jaqsam mit-tbatijiet li r-Redentur għadda minnhom. Għalhekk issa kull bniedem permezz tattbatijiet tiegħu qiegħed jidħol f'sehem mal-qawwa redentiva mwettqa minn Kristu."

Patri Piju għaraf li huwa wkoll huwa msejjaħ biex ibati għal Kristu għax hu kien jaf li 'Bħalma joktru fina s-sofferenzi ta' Kristu, hekk ukoll permezz ta' Kristu joktor fina l-faraġ' (2 Kor. 1,5).

Sa minn meta kien għadu żgħir, Patri Piju kien jara kif se jivvinta biex ibati xi ftit għal Kristu. Naqraw fil ħajja tiegħu li spiss kien jagħżel li jorqod ma' l-art u jużа ġebla flok imħadda u ma kienx jorqod fuq is-sodda li kienet tħejjilu ommu. Huwa kien ibati ħafna minn deni qawwi li kien jaħkmu ta' spiss. F'dawn iċ-ċirkustanzi mhux l-ewwel darba li t-temperatura tad-deni kienet tinkiser.

B'danakollu f'Fidi kbira qatt ma naqas li jfaħħar 'l Alla u jitolbu biex igħinu. Ta' spiss Patri Piju kien jiġi attakkat mix-xitan, speċjalment wara li daħal il-kunvent. Ta' spiss sħabu l-Patrijiet kienu jsibuh imbenġel wara xi attakk mix-xitan. Iżda Patri Piju għaraf li quddiem it-tbatija hemm bżonn ta' aktar qawwa tal-qalb (b'mod morali) jiġifieri Kuraġġ li jfarrak il-biża' u l-Qawwa tal-Fidi. Dawn iż-żewġ 'Requirements' qegħdin ukoll imniżżlin fl-ittra tal-Papa.

Patri Piju għaraf sewwa dak li l-Papa Ġwanni Pawlu II, ftit tas-snin wara ħajtu kellu jikteb f'din l-ittra Apostolika, jiġifieri li "r-Redenzjoni tagħna ġiet mitmuma permezz tat-tbatija ta' Kristu fuq is-salib u li din hija t-triq ta' kull bniedem fil-Knisja. F'din it-triq il-Knisja tiltaqa' mal-bniedem. Il-Knisja li twieldet fuq is-salib hija msejħa biex tgħix is-Salib u tiltaqa' mal-bniedem imtaqqal bis-salib tiegħu ta' kuljum."

Il-Meditazzjoni ta' Patri Piju kienet tilħaq il-milja tagħha quddiem il-Kurċifiss. Hu kien igħid li "Kull nisrani m'għandux iħalli ġurnata tgħaddi mingħajr ma jimmedita fuq il-Passjoni ta' Ġesu' Kristu". Fi xbieha ta' Ġesu' msallab Patri Piju kien jilmaħ l-aqwa espressjoni ta' imħabba u kien jiftakar fi kliem Kristu meta qal: "M'hemmx imħabba akbar minn din li wieħed jagħti ħajtu għal ħaddieħor." Patri Piju għaraf sewwa li "Kristu nteressa ruħu mit-tbatijiet tad-dinja biex ħadhom kollha fuqu — għamel esperjenza tagħhom — u dan kollu għamlu "Biex il-bniedem ma jintilifx" (parti mill-ittra apostolika).

Kien proprju l-20 ta' Settembru, 1918 meta Patri Piju waqt li kien qiegħed jitlob quddiem il-Kurċifiss Kbir tal-Kor li hemm f'San Giovanni Rotondo, (il-post li fih kien igħix Patri Piju) irċieva l-Pjagi.

Dan kien ifisser li kellu l-ħames pjagi ta' Kristu; tnejn f'idejh, tnejn f'saqajh u waħda fil-kustat. B'hekk Piju seta jgħid ma' San Pawl: "Jiena issa NIFRAĦ bit-tbatijiet tiegħi minħabba fikom, għaliex jiena ntemm f'ġismi dak li jonqosni mit-tbatijiet ta' Kristu għall-Ġisem tiegħu li hu l-Knisja." (Kol. 1, 24). Dan id-diskors huwa wkoll parti mill-introduzzjoni ta' l-Ittra Apostolika tal-Papa. Fih nisimgħu lil San Pawl igħid li qiegħed iħossu ferħan. Dan il-ferħ jiġi mill-iskoperta tat-tifsir tat-tbatija fl-aspett salvifiku tagħha.

Fil-każ ta' Patri Piju l-pjagi ġew eżaminati minn ħafna professuri u saru ħafna eżamijiet mediċi fuq



il-pjagi li kienu jnixxu ta' spiss. Fl-aħħar il-professuri waslu biex ikkonkludew li l-pjagi ma setgħux jiġu mfissrin għax din ma hi xejn ħlief ħaġa li ġejja minn Alla. Għall-bidu l-Knisja ma setgħetx tniżżel din il-biċċa tal-pjagi. Hekk fi żmien il-Papa Piju XI, Alla ried jipprova lil Patri Piju b'mod iebes ħafna.

Barra tbatijiet kbar li kien qiegħed iġarrab minħabba l-uġiegħ tal-pjagi, Patri Piju kien se jkompli jbati minħabba l-oppożizzjoni li kienet se tiġi min-naħa tal-Knisja. L-awtoritajiet tal-Knisja għamlu kull ma setgħux biex jaraw jekk Patri Piju kienx tassew bniedem t'Alla. Wara ħafna nvestigazzjonijiet li saru, is-Santa Sede ddikjarat li f'Patri Piju ma hemm xejn straordinarju u Ordnat li Ħadd m'għandu jitressaq lejh. L-aktar ħaġa iebsa li kellu dan id-digriet li wasal minn Ruma fit-13 ta' Mejju, 1931, kien li Patri Piju ġie IPPROJBIT LI JQADDES QUDDIES FIL-PUBBLIKU JEW LI JQARAR XI NIES JEW PATRIJIET. Patri Piju bata ħafna f'dan iż-żmien, iżda huwa xorta waħda ma ħadhiex kontra l-Knisaj.

Huwa kien igħid: "L-Id tal-Knisja hija ġentili ħafna, wkoll meta ssawwatna, għaliex hija l-id ta' Ommna" u wkoll "Ir-restrizzjonijiet tal-Knisja hurra refuġju għalija, li kieku l-Knisja Mqaddsa ma kinitx warajja bl-mħabba tagħha, aktarx li kont nersaq f'baħar ta' dubji, jew kont inkun indifferenti ħafna għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ."

Fl-1933 b'talba tal-Papa Piju XI, ġie ordnat li jsir eżami kattoliku, fuq il-każ ta' Patri Piju. Wara dan l-eżami l-Papa nnifsu ma qgħadx jaħsibha biex igħid, li dawk li kellhom post ogħli fi-Knisja, kienu ħadu żball kbir. Il-Papa ried ukoll li jiskuża ruħu u jiddikjara lil Patri Piju bħala Bniedem t'Alla u għalhekk għandu jiġi rrispettat minn kulħadd. Dan id-diskors tal-Papa Piju XI qabel perfettament mad-diskors li hemm miktub fl-ittra Apostolika tal-Papa Ġwanni Pawlu II, "It-Tbatija Umana tqanqal kompassjoni — tqanqal rispett — u fl-istess ħin hija timmansa lill-bniedem."

Patri Piju kien ilu jbati mill-pjagi tmien snin sħaħ qabel ma dawn saru kif nafuhom illum. F'dawn it-tmien snin, il-pjagi kienu inviżibbli, jiġifieri ma jidhrux. Iżda fl-1918 dawn dehru għal kollox f'ġismu u baqgħu hemm għal ħamsin sena sħaħ. Patri Piju talab 'l Alla biex iħallilu l-pjagi, iżda kif kienu qabel, jiġifieri ma jidhrux. Hu qal li kien qiegħed iħossu mbarazzat u umiljat ħafna bihom. Il-pjagi kienu għalih salib tqil, iżda hu dejjem kellu quddiem għajnejh kliem Kristu "Min irid jiġi warajja... jerfa' salibu ta' kuljum ... jiċħad lilu nnifsu... (Lq. 9,23) Fl-ittra tiegħu lid-Direttur Spiritwali fejn fiha kiteb kif irċieva l-pjagi nsibu hekk:

"...Kien filgħodu l-għoxrin tax-xahar li għadda. Wara li qaddist il-quddiesa, qgħadt fil-Kor nitlob. Ħassejt fija paċi liema bħalha, ħassejtni qed nintelaq u bħal ngħas ħelu waqa' fuqi, is-sensi kollha sew interni kif ukoll esterni kienu bħal imfawrin b'ħemda kbira. Silenzju kbir ħakimni. Dan kollu ġara f'leħħa ta' berqa.

Sadanittant rajt quddiemi persuna misterjuża tixbaħ lil dak li kont rajt fil-5 ta' Awissu; iżda din id-darba, jdejh, riġlejh u l-kustat, bdew inixxu d-demm minnhom. Din id-dehra beżżgħatni. Dak li ħassejt dak il-ħin ma nistax niddeskrivih. Ħassejtni se nmut. U żgur kont immut li kieku Ġesu' ma kienx miegħi. Ħassejt lil qalbi trid toħroġ minn sidri. Meta din id-dehra marret ... indunajt li jdejja, riġlejja, u l-kustat, bdew inixxu d-demm. Tista' timmaġina dak li ħassejt u li għadni nħoss kuljum.

Il-ferita tal-kustat, tnixxi d-demm il-ħin kollu minn filgħodu sa fil-għaxija, speċjalment mill-Ħamis sas-Sibt. Għażiż Patri, qed immut bl-uġiegħ ta' dawn il-pjagi, li qed joħolquli wkoll umiljazzjoni

liema bħalha. Jiena naħseb li nibda biex nitlob 'l Alla biex immut jekk il-Mulej ma jneħħilix din il-konfużjoni li ninsab fiha. Jiena nitolbu mhux biex ineħħili l-uġiegħ kbir ta' dawn il-pjagi, iżda biex ma jibqgħux jidhru aktar f'ġismi, u jerġgħu jsiru inviżibbli kif kienu qabel..."

Din l-ittra ta' Patri Piju turina t-tbatija kbira li għadda minnha hu stess. B'hekk naraw ukoll li Patri Piju barra li kien qiegħed ibati fiżikament kien għaddej minn tbatija oħra li tissejjaħ psikoloġika. Dawn il-kwalitajiet ta' tbatija huma mfissrin tajjeb ħafna mill-Papa preżenti fl-ittra Apostolika tiegħu. Huwa jgħid li fl-Antik Testment il-bniedem kien ibati kull meta kien jagħmel esperjenza tal-ħażen. Fil-Vokabularju tat-Testment il-Qadim tbatija u ħażen huma identiċi. Infatti fit-Testment il-Qadim ma nsibux kelma proprja għat-tbatija għalhekk kienet tintuża l-kelma 'Ħażen'.

Fil-fatt il-ħażen għandu x'jaqsam mat-tbatija? U t-tbatija għandha x'taqsam mal-ħażen? Kien hemm żmien igħid il-Papa, fejn l-istess eżistenza kienet tiġi meqjusa bħala ħażen li minnu l-bniedem irid ifittex li jakkwista l-ħelsien. Imma r-reliġjon nisranija tistqarr li l-ħajja fiha nfisha hija tajba u huwa tajjeb li teżisti, li tgħix biex tagħraf it-tjubija t'Alla u s-sbuħija tal-ħlejjaq. Il-bniedem ibati, minħabba l-Ħażen; li huwa Nuqqas, Limitazzjoni jew Abbuż tat-tajjeb. Il-Bniedem ibati minħabba fit-tajjeb li minnu m'a jieħux sehem, li minnu jiġi maqtugħ jew imċaħħad. Huwa jsofri meta suppost ikollu sehem mit-tajjeb u dan is-sehem, ħtija tiegħu jew ta' l-oħrajn jew ta' kundizzjonijiet li m'għandux kontroll fuqhom, ma jieħdux.

Għalhekk fir-reliġjon nisranija, ir-realta' tas-Sofferenza hija mfissra permezz tal-ħażen, li dejjem huwa f'relazzjoni mat-tajjeb.

Il-Papa jġibilna lil Ġob bħala eżempju ta' bniedem li kien ġust quddiem Alla (bħal Patri Piju) u li kien qiegħed ibati. Fil-Ktieb ta' Ġob għandna l-permess min-naħa ta' Alla biex dan il-bniedem ġust jiġi ppruvat b'riżultat tal-provokazzjoni ta' Satana, fil-każ ta' Patri Piju għandna t-tbatija mogħtija b'rigal dirett minn Kristu nnifsu, għalkemm Satana ma naqasx milli jipprova jfixkel din l-opra ta' Alla. Satana sfida l-qdusija ta' Ġob quddiem il-Mulej (Ġob 1,9-11) U jekk il-Mulej ippermetta t-tbatija ta' Ġob (u ta' Patri Piju) dan huwa għamlu biex juri l-qdusija ta' dan il-bniedem.

Fl-ittri li Patri Piju kiteb tul ħajtu, naqraw kif hu kien jaħsibha fuq it-tbatija. F'waħda mill-ittri nsibu hekk; "Ma nistax nifhem, iżda fija qiegħed inħoss għatx kbir biex inbati ħafna. Nixtieq ngħix ħafna biex inkompli nsofri ħafna u ħafna aktar, għaliex Kristu fehmni li l-prova vera ta' l-Imħabba hija li nbati u nsofri."

Fil-ġurnata ta' l-Ordinazzjoni tiegħu bħala Saċerdot, jiġifieri fl-10 ta' Awissu, 1910, Patri Piju kiteb hekk:—

"Ġesu' nitolbok biex inkun miegħek fid-dinja, int li int it-Triq, is-Sewwa u l-Verita'. Ħallini nkun Saċerdot tajjeb u VITTMA PERFETTA."

F'l-okkażjoni tal-Ġublew tal-Fidda, jiġifieri ħamsa u għoxrin sena wara, kiteb Shekk:—

'Mulej, int IL-VITTMA TIEGĦI, u l-IMĦABBA TIEGĦI. AGĦMILNI SALIB tiegħek u KALĊI tad-Deheb għal demmek."

Patri Piju ra lilu nnifsu bħala Vittma Saċerdotali. Hu offra lilu nnifsu kollu kemm hu lil Alla. L-għaqda tiegħu ma' Ġesu' Ewkaristija ma tistax tiġi mfissra, speċjalment meta b'dawk l-idejn inixxu d-demm kien igħolli l-ostja mqaddsa. Patri Piju kien bniedem ta' paċi kbira għalkemm kien qiegħed ibati mill-uġiegħ tal-pjagi. Hu kien qiegħed igħin lil Ġesu' jerfa' s-salib tiegħu fl-għoxrin seklu. Fil-Via Sagra li hemm f'San Giovanni Rotondo, naraw lil Patri Piju jerfa' s-salib ta' Ġesu' flok Xmun iċ-Ċirinew.

"Ġesu' jridni nbati. Huwa bżonn it-tbatijiet tiegħi għall-bżonnijiet ta' l-erwieħ." Kien igħid Patri Piju lid-Direttur Spiritwali tiegħu. F'ittra oħra qallu hekk: "Huwa proprju minħabba l-erwieħ li jiena qiegħed inbati daqsshekk." U darba oħra, "L-anġli f'ħaġa waħda biss igħiru għalina; li ma jistgħux isofru għal Alla!"

Patri Piju li kellu l-Pjagi għal Ħamsin Sena Sħaħ, kien Kristu ieħor fis-seklu tagħna. Jekk aħna rridu ngħixu l-Ispiritwalita' ta' Patri Piju jeħtieġilna l-ewwel u qabel kollox inwarrbu minna d-dnub. Aktar ma nersqu qrib Alla, aktar inkunu nistgħu nifhmu l-imħabba kbira tiegħu lejna. Waħda mill-elementi essenzjali fl-ispiritwalita' ta' Patri Piju kienet id-devozzjoni kbira li kellu lejn Ommna Marija. "Wara li nkiteb l-ewwel evanġelju tat-tbatija minn Kristu msieħeb minn Marija, matul l-istorja, nkiteb it-tieni evanġelju tat-tbatija mill-umanita' li għarfet tbati ma' Kristu" insibu f'"Salvifici Doloris" bħalma Marija sofriet meta rat lil binha msallab ma' Salib hekk ukoll Patri Piju, iżda huma t-tnejn flimkien kienu ferħanin fl-istess waqt għax kienu jafu li "Bis-saħħa tat-tbatija ta' Kristu l-umanita' daħlet f'sitwazzjoni ġdida; l-umanita' akkwistat il-fidwa" (parti mill-ittra Apostolika).

**(ikompli f'paġna 20)**

# IL-MINESTRA TAL-KAPUCCINI

Mill-Kan. Dun Nikol Vella Apap

San Franġisk t'Assisi meta f'żgħożitu għaraf tassew lid-dinja u twarrab mill-ħsejjes tagħha fiergħa beda ħajja kollha kemm hi bħal Kristu u għal Kristu. Għaraf jibni l-ispiritwalita' Awtentika tiegħu u ta' l-Ordni li waqqaf 'Aħwa ż-Żgħar' fuq il-Vanġelu u l-Faqar. Ried li hu u wliedu l-patrijiet ikunu fqar bħal Kristu. Għalhekk in-nota karatteristika tal-Kapuċċini hija l-faqar.

Dante Alighieri (1265-1321) ħassa wkoll din in-nota ta' faqar għaliex fil-famuża 'La Divina Commedia' li beda jikteb fis-sena 1306 jew 1307 f'Canta Undecesimo tal-Paradiso fil-vers 58 isemi 'Donna' — 'Mara' li ma hix xbiha 'tal-Faqar' li San Franġisk iżżewweġ miegħu.

Ħaġa tipika u tkompli tiċċara dak li qegħdin niktbu hija d-dehra tal-Lajk Kapuċċin b'ħorġa bajda mdendla fuq spalltu għal quddiem u l-warrani, jdur minn bieb għal ieħor sajf u xitwa, xemx u ksieħ, jittallab il-karita' għal kunvent. Kull min jixref fuq il-għatba tal-bieb kulħadd jitfagħlu xi ħaġa tal-flus fil-ħorġa u l-umli Ajk iwieġeb minn taħt l-ilsien "San Franġisk jirrendilek". Quddiem din id-dehra l-poeta Għawdxi-Kapuċċin Patri Mattew Sultant hekk mar jgħanni fuq il-kordi tal-muża tiegħu lill-Ajk Kapuċċin.

"Tkeċċihx, tarah bil-ħorġa
La xxeħħx miegħu miskin!
Għal sold, iħabbat biebek
Lajk fqajjar kapuċċin
Li jgħix bil-ġbir u t-talb
Għinu w agħtih bil-qalb."

San Franġisk ried li wliedu l-patrijiet ikunu tassew fqar u ma jkollhom xejn tagħhom biex tassew ikunu mera' ta' Kristu li kien il-'Fqir' fost il-fqar. Il-Vanġelu, San Franġisk wettqu kollu fil-milja tiegħu għaliex bena r-Regola ta' l-"Aħwa ż-Żgħar" fuq il-virtu' għanija tal-faqar evanġeliku.

L-istess knejjes u kunventi tal-Kapuċċini ma jlelxux. Fihom tilmaħ u tmiss l-awsterita' stretta tal-faqar. L-arja ta' ġo fihom hija l-faqar li tiftaħ il-pulmun tal-ħajja spiritwali u r-ruħ tintela bil-fwieħa tal-qdusija. Għalhekk il-kunventi kienu dejjem il-kalamita għal dawk li jħobbu s-skiet, il-ġabra, it-talb u l-penitenza għax ir-ruħ fihom tistagħna bil-bosta.

F'din il-kitba l-ħsieb tiegħi mhux li nagħmel l-eloġju ta' tifħir lill-Kapuċċini. Xejn minn dan! Kull ordni reliġjuż għandu n-nota karatteristika u l-kariżma spiritwali. Għalhekk minnhom ħarġu erwieħ li fewħu s-sema u l-art ta' madwarhom, fejn oħrajn bil-għerf tas-sema dawlu l-erwieħ fit-triq ta' l-Ispirtu. Oħrajn swew ta' ġid soċjali fl-opri li waqqfu. Fuq il-Kapuċċini kien hemm min kiteb u tkellem snin kbar qabli. Biżżejjed insemmi lill-poeta-rumanzier Alessandru Manzoni (1785-1873) meta kiteb ir-rumanz tiegħu storiku — letterarju bl-isem 'I Promessi Sposi' 'L'Għarajjes Imwegħda'. Dak li rrid infisser ruħi f'din il-kitba hija d-drawwa li l-Patrijiet Kapuċċini kellhom fir-Rabat ta' Għawdex li jqassmu b'xejn il-'Minestra' lil dawk il-fqar li marru jħabbtu fuq il-bieb tal-Kunventi tagħhom. Din id-drawwa f'Malta għadha teżisti fil-kunventi tal-Furjana u dak tal-Kalkara. F'dak ta' Għawdex illum spiċċat, imma aħna xorta waħda ħa niktbu ġrajjitha.

Kulħadd jaf li dawn il-Patrijiet jgħixu b'dak li Alla jibgħat, jiġifieri bil-karita' ta' kuljum. Għax min jafda f'Alla, Alla jaħseb fih. Sa ftit tas-snin ilu il-Fra (Ċirkatur) tal-Kapuċċini, kien imur jittallab ma' Għawdex kollu. Għadha tidwi f'widnejja l-kelma ta' radd il-ħajr li kien igħid il-Fra lil dak jew lill dik li kienet tnewwillu xi ħaġa tal-karita' għal kunvent — "San Franġisk jirrendilek". X'hemm isbaħ minn kelmiet bħal dawn! Kulħadd kien jagħti bil-gost lill-Fra tal-Kapuċċini meta jħabbat fuq il-bieb ta' djarna. Ix-xbiha umli tiegħu wara l-bieb kienet tħoll il-qlub, u tnissel il-ferħ tas-sema.

Fi żmien li l-egħlieqi mtarrġa tal-kampanja tagħna li jagħtu ħafna ġid minn taħt il-ħamrija għammiela tagħhom il-patrijiet kellhom daqsxejn ta' ħmara u karettun fil-kunvent li fuqhom il-Fra kien iġorr ħażniet għas-sena kollha. Dawn il-patrijiet għax sabu min igħinhom kienu jaħsbu wkoll f'dawk l-imsejkna? li Alla wkoll fil-ħniena Tiegħu jipprovdi l-ħobżna ta' kuljum.

Il-Kapuċċini huma magħrufa sewwa għat-tisjir tal-Minestra. Il-kok Fra kien jaf iħawwarha tajjeb il-minestra. Kien jgħabbiha mhux biss bil-ħaxix

(ikompli f'paġna 20)




**IL-MEWT TRAĠIKA TA' PATRI SAVERIO TORBOLI**

Il-mewt traġka ta' Patri Saverio Torboli, kapuċċin ta' 47 sena, minn Trento, li ġrat fl-għodwa tas-7 ta' Awissu fil-Mozambique ħasdet lil dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-ħidma missjunarja fi ħdan il-Knisja Kattolika. Patri Saverio miet vittma ta' grupp ta' suldati li sparaw fuqu waqt li kien qed jieħu xi morda fuq il-'land rover' lejn l-isptar ta' Mokuba.

In-nies tal-post bkew il-mewt ta' dan il-ħabib kbir tagħhom li rnexxielu jaffronta dejjem kull periklu biex jiġġieled kontra l-inġustizzji. In-nies ta' Mokuba sallum ma naqsux fil-għadd ġmielu li jmorru kuljum fuq il-qabar fejn ġie midfun bħala turija ta' rispett u qima lejn dak kollu li dan il-ħabib kbir tagħhom għamel matul ħajtu. L-istess Isqof ta' Quelemane Mons. Bernardo Governo tkellem dwar Patri Saverio u qal: "Il-ħidma ta' Patri Saverio Torboli, dejjem fuq quddiem fil-ġlieda kontra l-ġuħ, kontra l-mard u l-inġustizzji, dejjem impenjat maddgħajfin u mal-fqar tat il-frott tagħha fid-demm li xerred. Il-frott tal-ħidma ma jieqafx mal-mewt traġika tiegħu..."

**POSTULANTI ĠODDA**

Filwaqt li fix-xahar ta' Ġunju tlieta mill-Aħwa tagħna spiċċaw in-novizzjat tagħhom, tnejn oħra daħlu biex jagħmlu parti mill-fraternita' franġiskana kapuċċina bħala postulanti ġodda. Dawk li temmew is-sena tan-novizzjat huma Ħutna Giovanni Cassar mill-Marsa (Marija Regina) Albert Buttigieg minn San Ġwann u Jesmond Balzan minn tas-Sliema. Dawk li bdew iż-żmien tal-Portulantat tagħhom nhar it-3 ta' Ottubru fi ħdan il-fraternita' tal-Kalkara huma Charles Azzopardi mill-Belt u Joseph Vassallo minn Ħal Tarxien. Lil dawn ħutna nawgurawlhom li lkoll kemm huma jkomplu jiskopru l-kariżma franġiskana kapuċċina bl-iskop li jagħmluha l-idejal ta' ħajjithom fuq il-passi tal-Fqajjar ta' Assisi u l-qaddisin tal-Ordni Kapuċċin.

**FORMAZZJONI PERMANENTI**

Il-Kunsill imwaqqaf fi ħdan l-Ordni Kapuċċin biex jieħu ħsieb il-formazzjoni permanenti ta' l-Aħwa kollha matul dawn l-aħħar xhur organizza tliet korsijiet ta' interess speċjali. L-ewwel kors ta' spiritwalita' franġiskana ġie organizzat matul ix-xahar ta' Ġunju u għalih minn Malta attendew Ħutna Anton Ciangura u Alfred Xerri. Matul ix-xahar ta' Settembru ġie organizzat kors apposta għall-Mastri tan-Novizzi. Dan sar f'Ruma u għalih minn Malta attenda l-Mastru P. Anton Manpalao. Għal matul ix-xahar ta' Ottubru ltaqgħu diversi Provinċjali fosthom dak ta' Malta, Ħuna Manwel Barbara, fejn għal tmint ijiem sħaħ ittrattaw is-suġġett: "Il-Provinċjal u r-Relazzjonijiet tiegħu mal-membri tal-O.F.S.'

**TERZJARJI ĠODDA**

Matul ix-xahar ta' Ottubru diversi kienu l-frater-

nitajiet lokali tal-O.F.S. li żdiedu fin-numru tal-membri tagħhom. Il-fraternita' lokali tal-kunvent ta' Għajn-Dwieli, Raħal Ġdid għamlet il-funzjoni tal-vestizzjoni tal-membri ġodda nhar l-1 ta' Ġunju. Din ġiet immexxija mill-Assistent lokali Patri Onorat Spiteri, kapuċċin. Nhar is-Sibt, 13 ta' Ottubru żewġ fraternitajiet lokali tal-O.F.S. żdiedu fil-għadd tal-membri. Dawn kienu l-fraternita' tal-Kunvent: Madonna tal-Grazzji, fir-Rabat-Għawdex u l-fraternita' tal-Kunvent: Santa Liberata, il-Kalkara. Il-funzjoni tal-vestizzjoni tal-fraternita' ta' Għawdex ġiet immexxija mill-Assistent lokali Patri Remiġ Galea filwaqt li dik ta' Santa Liberata ġiet immexxija mill-Provinċjal mgħejjun mill-Assistent Patri Joe Garzia.

**STATISTIKA**

Sal-31 ta' Diċembru 1983, l-Ordni tagħna kien jiġbor fih 11,467 membru (nuqqas ta' 27 membru mit-total ta' Diċembru tal-1982). Sa l-aħħar tas-sena 1983 l-Ordni Franġiskan Kapuċċin kellu 403 novizzi (żieda ta' 49), 1139 postulanti (żieda ta' 413). Filwaqt li fuq in-numru totali ġie nnutat tnaqqis, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh in-numru ta' mwiet li kien hemm matul is-sena 1983 (kien hemm 193 imwiet: 130 Aħwa Saċerdoti u 63 Aħwa Lajċi). Tama ta' żieda fin-numru totali hija evidenti minħabba n-numru ta' postulanti u novizzi.

**PARIĠI: KAPUĊĊIN ONORAT BĦALA "MISSIER IL-LHUD"**

Nhar il-14 ta' Marzu, ċerimonja mhux tas-soltu saret fil-Kunvent tal-Kapuċċini ta' Rue Boissonade f'Pariġi fil-presenza ta' diversi superjuri maġġuri ta' l-Ordni Franġiskan Kapuċċin, tal-Knisja u tal-Kommunita' Lhudija fi Franza. Ir-Rabbi Kaplan, f'isem il-President tar-Repubblika, onora lil Ħuna Marie-Benoit Peteul, kapuċċin mill-Provinċja ta' Pariġi, bil-midalja tal-"Legion of Honour". Matul l-okkażjoni, ir-Rabbi fakkar ix-xogħol li wettaq Ħuna Marie-Benoit biex isalva eluf ta' Lhud mhedda li jintbagħtu fil-kampijiet tal-konċentrament min-Nażi matul il-gwerra tal-1939-1945. Huwa wettaq din il-ħidma tiegħu favur il-ħelsien tal-Lhud Franċiżi prinċipalment f'Ruma f'għaqda sħiħa mal-Papa Piju XII biex jorganizza l-ħarba ta' 50,000 Lhudi lejn lAfrika. Ħuna Marie-Benoit kemm-il darba ġie mfittex mill-Pulizija tan-Nażi imma dejjem irnexxielu jaħrab. Il-gvern ta' Iżrael ta lil dan Ħuna t-titlu ta' "MISSIER IL-LHUD". Patri Marie-Benoit illum għandu 98 sena.

**PELLEGRINAĠĠ VOKAZZJONALI**

Għat-tieni darba ċ-Ċentru Vokazzjonijiet Franġiskani Kapuċċini organizza Pellegrinaġġ Franġiskan. Dan sar bejn it-18 u t-30 ta' Awissu. Għalih attendew 18-il żagħżugħ bejn l-14 u t-22 sena. Flimkien magħhom kien hemm id-Direttur Father Philip Cutajar li mexxa dan il-pellegrinaġġ kien hemm ukoll id-Djaknu Bro. Joseph Buttigieg u Bro. Anton Vella.

Wara jumejn f'Ruma l-grupp tela' lejn Assisi fejn hemmhekk għadda ħamest ijiem. Il-membri kollha kellhom iċ-ċans igawdu s-sbuħija li toffri din il-belt franġiskana u jaraw b'għajnejhom il-postijiet storiċi li jfakkruna fil-ħajja ta' Missierna San Franġisk. Wara Assisi morna Camerino fl-ewwel kunvent tar-riforma kapuċċina. Hemmhekk domna jumejn fejn għamilna esperjenza tal-faqar u s-silenzju franġiskan. Minn Camerino wħud mill-membri tal-grupp marru għal ftit sigħat iżuru s-Santwarju tal-Madonna ta' Loreto fdata f'idejn il-Kapuċċini. Wara Camerino morna għal jumejn oħra fil-Kunvent ta' żmien San Franġisk: 'Le Celle Di Cortona' li qiegħed f'idejn il-Kapuċċini ta' Firenze. Hawnhekk gawdejna s-sbuħija tan-natura fil-kampanja u fuq il-muntanji jħaddru ta' Cortona. L-aħħar tlett ijiem għaddejnihom Ruma fejn kellna l-okkażjoni speċjali li niltaqgħu wiċċ imb'wiċċ mal-Papa u nkellmuh.

Għall-membri kollha li ħadu sehem f'dan il-Pellegrinaġġ dan kien żmien ta'esperjenza qawwija li lkoll kemm aħna għenitna biex insiru nafu iżjed lil San Franġisk u l-Ispiritwalita' tiegħu u fl-istess waqt kienu ġranet li fihom komplejna kattarna fina l-vokazzjoni tagħna.

**FRATELL LAJK BĦALA VIGARJU PROVINĊJALI**

Is-Sagra Kongregazzonji għar-Reliġjużi għadha kemm approvat l-elezzjoni ta' fratell lajk kapuċċin bħala Vigarju Provinċjali tal-Provinċja tal-Kanada Ċentrali. Dan huwa Bro. Ignatius Faever. Din il-konferma min-naħa tas-Santa Sede hija għalina l-franġiskani ta' valur storiku kbir. Ix-xewqa tal-Ordni Kapuċċin, murija fil-Kostituzzjonijiet il-ġodda, hija li ngħixu l-fraternita' anke fil-qasam tal-awtorita'. Il-fatt li din ix-xewqa tagħna ġiet mismugħa mill-awtorita' ekklesjastika sar pass importanti u sinifikanti 'l quddiem.

**IL-FRANĠISKANI FLIMKIEN**

Wara waqfa kemmxejn twila l-istudenti tat-tlett fergħat franġiskani reġgħu ltaqgħu flimkien billi organizzaw għat-tielet darba l-Festival Franġiskan. Dan sar nhar il-Ħadd, 28 ta' Ottubru fl-Auditorium tal-Istitut Kattoliku fil-Furjana. Bħal kull sena matul dan il-festival, organizzat ferm tajjeb u b'mod professjonali, spikkat it-tema tal-PAĊI. Din it-tema ġiet ippreżentata lill-pubbliku numeruż li attenda, permezz ta' kant, qari ta' poeżiji u 'mimes' magħmula b'sengħa kbira. Minn sena għall-oħra din l-inizjattiva qiegħda turi titjib fl-istandard ta' organizzazzjoni u anke ta' items magħżulin.

(jaqbad minn paġna 16)

Patri Piju kien iżomm lil Marija bħala Mudell ta' dan kollu, jiġifieri dik li qasmet fit-tbatija ta' binha permezz tal-preżenza u l-kompassjoni. Qrib Marija kien iħossu qrib Ġesu'. F'ittra oħra lid-direttur Spiritwali tiegħu, P. Piju kiteb hekk: "Jalla l-Verġni Marija takkwistalna mingħand Ġesu' Binha, l-grazzja li nifhmu aktar IL-MISTERU TAS-SALIB."

Matul ħajtu Patri Piju fehem sewwa dak li l-Papa Ġwanni Pawlu II, kiteb proprju din is-sena li "Kristu kien l-ewwel wieħed li qasam magħna t-tbatijiet tagħna. L-ewwel parteċipazzjoni seħħet min-naħa tiegħu. Bil-qawwa tal-fidi mela niltaqgħu mat-tbatijiet redentivi ta' Kristu hemmhekk niskopru l-valur tat-tbatijiet tagħna. Patri Piju fehem li t-tbatija li nsofru ma' Kristu u bħal Kristu hija XHIEDA TAL-MATURITA' SPIRITWALI TAGĦNA. Il-Papa jgħidilna wkoll li t-tbatija tqawwi fina l-virtujiet tal-perseveranza u l-Umilta'. Xhieda ta' dan għandna l-Patri Piju. Fuq kollox li tingħaqad mat-tbatijiet ta' Kristu jfisser li qiegħed tingħaqad mat-tbatija tal-Ġisem ta' Kristu — il-Knisja, l-Umanita! Kristu ma neħħiex it-tbatija mill-ħajja; hu stess qalilna: 'Hija iebsa u dejqa' (Mt. 7, 13-14).

"Kristu biddel it-tbatija billi orjentaha għas-salvazzjoni ta' dejjem, ta' l-espressjoni ta' l-imħabba." (Salvifici Doloris). Għalhekk jekk irridu risposta għall-problema tat-tbatija fid-dinja rridu mmorru għand Alla, għand Kristu; Kristu jwieġeb 'Ejjew warajja u taraw".

Jeħtiġilna għalhekk ma' San Pawl li ntennu: "Imma jien permezz tal-liġi mitt għall-liġi biex ngħix għal Alla; issallabt ma' Kristu. Ngħix imma mhux jien, iżda jgħix fija Kristu. Il-Ħajja li ngħix fil-ġisem qiegħed ngħixha bil-fidi fl-Iben ta' Alla, li ħabbni u ta ruħu għalija. (Gal 2. 19-20).

(jaqbad minn paġna 17)

tal-borma imma wkoll bl-għaġin u l-qastan. Tiekol platt minn din il-minestra kien iżommok għal jum sħiħ. Biex il-fqar ikollhom platt minestra sħun il-patrijiet kienu jsajru bil-kwantita'. Mat-tokki tal-qampiena ta' nofs in-nhar u anki qabel u wara ħafna kienu jinżlu l-Kapuċċini b'xi borma taċ-ċaqquf moħbija taħt abthom biex il-Fra jagħtihom platt minestra sħun jew iżjed b'xejn. Min jaf kemm it-twajjeb Fra Baskal li miet fil-fwieħa tal-qdusija newwel borom tal-minestra u biċċiet tal-ħobż lil xi mara armla? Min jaf kemm rat nies dik it-triq li tieħu lejn il-Kapuċċini neżlin u tilgħin ma tulek ja sena għal minestra tal-Patrijiet? Min jaf kemm ommijiet bl-għonnella b'xi tarbija tal-ħalib taħtha niżlu lejn il-Kapuċċini għal platt minestra? Alla biss jaf għax Hu li jaħkem għal dejjem fuq is-snin.

Billi ż-żmenijiet minn wara t-tieni gwerra dinjija tbiddlu, u l-faqar beda jtir u jgħib minn qalb niesna d-drawwa li l-Patrijiet Kapuċċini jagħtu b'xejn il-minestra u xi kisra ħobż spiċċat. Spiċċawha mhux il-Patrijiet imma n-nies li ma baqgħux imorru wara l-bieb tal-kunvent għal minestra kuljum ma' nofs in-nhar bum. B'hekk inqerdet drawwa oħra fir-Rabat ta' Għawdex u isimha tniżżel fil-litanja ta' oħrajn li spiċċaw — biss għandna isimhom bħala tifkira dejjiema.

**THE CAPUCHINS**

RESPONDING TO THE

NEEDS OF TODAY

o————o

**DARE TO RISK ALL**

FOR

**JESUS CHRIST**

TROUGH A LIFE

IN A **CAPUCHIN** STYLE



## MESSAGG FRANĠISKAN



# Kristu jgħallem lilkom kif tagħmlu ħilitkom !

88. San Franġisk ġie msejjaħ "serafiku" għal l-imħabba mħeġġa li kellu tkebbes ġo qalbu. L-ewwel Franġiskani kienu huma wkoll eżempju tal-għaġeb ta' mħabba ta' bejniethom (ara I Cel 38-39; L3 CII). Il-ħajja fil-kommunitajiet tagħhom kienet tbaqbaq f'ferħ perfett, u kont tistagħġeb tara b'liema ferħ kienu jiltaqgħu wara xi żmien ta' firda minn xulxin. Hekk jgħandna nkunu aħna llum; jeħtieġ li nimitawhom billi nsaħħu l-egħruq ta' l-ispirtu ta' mħabba ta' bejnietna u jkollna koperazzjoni, mhux biss fil-livell lokali iżda wkoll bejn il-Provinċji l-oħra tal-Ordni jew kongregazzjoni kif ukoll bejn il-Franġiskani kollha, wieħed u kollha flimkien, ikun xi jkun l-istat ġuridiku tal-organizzazzjoni tagħhom.......

89. L-eżempju ta' San Franġisk iġegħelna nsaħħu l-bżonn li ninżlu fil-prattika. Aħna ninsistu bla tlaqliq li jittieħdu passi mill-aktar fis u bla skużi ta' dewmien, biex neffettwaw mezzi konkreti u prattiċi li jkabbru l-imħabba ta' bejnietna u nikkollaboraw aħjar flimkien. U dan irridu nagħmluh b'mod li jirrispetta l-identita' ta' kull għaqda, għax din il-pluralita' tifforma wirt għani tal-ħajja Franġiskana

90. L-isforzi serji biex inwettqu dan il-programm sejrin, bla ebda dubju, jitolbu minna ħafna sagrifiċċji, imma aħna nafu kemm dawn is-sagrifiċċji għad iġibu frott. Aħna nimtlew bil-barkiet ta' l-Iżjed Għoli; u dawk in-nies li lilhom naqdu bl-appostolat tagħna li, jaħasra, ħafna minnhom qatt ma raw provi sbieħ biżżejjed ta' dik l-imħabba li aħna msejħin għaliha, ikollhom l-okkażjoni li jġarrbu s-seħer tas-sejħa tal-Mulej għall-konverżjoni u l-ħajja ġdida fi Kristu, Ħuna.

dawl frangiskan

LEĦEN IL-KAPPUĊĊINI MALTIN





LEĦEN